SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

3 ta' Settembru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikoli 5 u 9 – Obbligu tat-trasportatur bl-ajru li joffri akkomodazzjoni f'lukanda lill-passiġġieri li jkollhom it-titjira tagħhom ikkanċellata – Dannu subit minn passiġġier matul is-soġġorn tiegħu f'lukanda li tipprovdi l-akkomodazzjoni – Possibbiltà li tiġi invokata r-responsabbiltà tat-trasportatur bl-ajru minħabba n-negliġenza tal-persunal tal-lukanda"

Fil-Kawża C-530/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Lulju 2019, fil-proċedura

NM, bħala stralċjarju ta' NIKI Luftfahrt GmbH,

vs

ON,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn L. S. Rossi, President tal-Awla, A. Prechal (Relatur), President tat-Tielet Awla, u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal ON, minn E. Sommeregger, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller, M. Hellmann u E. Lankenau, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman u C. S. Schillemans, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Yerrell u G. Braun, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn NM, li qiegħed jaġixxi fil-kwalità tagħha ta' stralċjarja ta' NIKI Luftfahrt GmbH, li hija kumpannija tat-trasport bl-ajru, u ON dwar talba għad-danni mressqa minn din tal-aħħar għal kumpens għad-danni li hija kienet ġarrbet ġewwa l-għeluq f'lukanda li fiha NIKI Luftfahrt kienet ospitata wara l-kanċellazzjoni tat-titjira tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 1, 2, 13 u 19 tar-Regolament Nru 261/2004 jistabbilixxu:

"(1) Azzjoni [mill-Unjoni Ewropea] fil-qasam ta' transport permezz ta' l-ajru għandha jkollha l-iskop, fost affarijiet oħrajn, li tassigura livell ogħli ta' protezzjoni għall-passiġġieri. 'Il fuq minn dan, konsiderazzjoni sħiħa għandha tiġi meħuda tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali.

(2) Il-fatt li ma jitħallewx jitilgħu u l-kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet jistgħu jikkawżaw problemi serji u inkonvenjenza għall-passiġġieri.

[…]

(13) Passiġġieri li t-titjiriet tagħhom huma kkanċellati għandhom jitħallew jew jiksbu rimbors tal-biljetti tagħhom jew jiksbu arranġament ieħor taħt kondizzjonijiet sodisfaċjenti, u ħsieb xieraq tagħhom għandu jiġi meħud waqt li qed jistennew titjira ta' aktar tard.

[…]

(19) Trasportaturi ta' l-ajru li jaħdmu għandhom jilħqu l-ħtiġijiet speċjali ta' persuni li għandhom mobbiltá mnaqqsa u kwalunkwe persuni li qegħdin magħhom."

4 L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi, taħt il-kondizzjonijiet speċifikati hawnhekk, drittijiet minimi għal passiġġieri meta:

[…]

(b) it-titjira tagħhom hi kkanċellata;

[…]"

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(i) 'persuna b'mobilitá mnaqqsa' ifisser kwalunkwe persuna li l-mobilitá tagħha hi mnaqqsa meta tuża' transport minħabba kwalunkwe disabbilitá fiżika (sensorja jew lokomotorja, permanenti jew temporanja), ħsara intellettwali, etá jew kwalunkwe kawża oħra ta' disabbilitá, u li s-sitwazzjoni tagħha teħtieġ attenzjoni speċjali u addattament għall-ħtiġijiet tal-persuna tas-servizzi mqegħda għad-dispożizzjoni tal-passiġġieri kollha;

[…]"

6 Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 261/2004:

"Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:

[…]

(b) jiġu offruti assistenza mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 9(1)(a) u 9(2), kif ukoll, fil-każ ta' għemil ta' rotta differenti meta l-ħin tat-tluq raġonevolment mistenni tat-titjira ġdida hu mill-inqas il-ġurnata wara t-tluq kif kien ippjanat għat-titjira kkanċellata, l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 9(1)(b) u 9(1)(ċ); u

[…]"

7 L-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, intitolat "Id-dritt li ħsieb tal-passiġġieri jiġi meħud", jistabbilixxi:

"1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas:

[…]

(b) akkomodazzjoni f'lukanda f'każijiet

– - fejn isir meħtieġ li joqogħdu għal lejl waħda jew aktar, jew

[…]

2. Barra minn dan, passiġġieri għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas żewġ sejħiet bit-telefon, telex jew messaġġi bil-fax, jew e-mails.

3. Fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-trasportatur ta' l-ajru li jopera għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' persuni li għandhom mobbilitá mnaqqsa u kwalunkwe persuni li qegħdin magħhom, kif ukoll għall-ħtiġijiet ta' tfal li qegħdin waħedhom."

8 Intitolat "Kumpens ulterjuri", l-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika bla ħsara għad-drittijiet ta' passiġġier għal kumpens ulterjuri. Dan il-kumpens mogħti taħt dan ir-Regolament jista' jiġi mnaqqas minn dan il-kumpens."

Id-dritt Awstrijak

9 L-Artikolu 1313a tal-Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġenerali) huwa fformulat kif ġej:

"Kull persuna li għandha tipprovdi servizz lil terz hija responsabbli għalih għan-nuqqas tar-rappreżentant legali tagħha kif ukoll għal persuni li hija tirrikorri għall-eżekuzzjoni [tal-obbligu tagħha], daqslikieku kien tort tagħha."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Fil-kuntest ta' vjaġġ kollox inkluż, ON kellha riżervazzjoni għal titjira minn Mallorca (Spanja) għal Vjenna (l-Awstrija), li kellha ssir minn NIKI Luftfahrt. Wara l-kanċellazzjoni ta' din it-titjira, l-imsemmija riżervazzjoni nbidlet u t-tluq minn Mallorca ġie pospost għall-għada filgħaxija. Minħabba l-annullament ta' din it-titjira, ON ġiet offruta, minn NIKI Luftfahrt, akkomodazzjoni mingħajr ħlas f'lukanda lokali.

11 Matul is-soġġorn tagħha f'din il-lukanda, ON, li tiċċaqlaq b'siġġu bir-roti, waqgħet u ġiet feruta gravi wara li r-roti ta' quddiem tas-siġġu bir-roti tagħha weħlu f'kanal trasversali fi triq.

12 ON ippreżentat rikors quddiem il-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneubourg, l-Awstrija) intiż sabiex NM tiġi kkundannata għall-ħlas tad-danni bħala kumpens għad-dannu li hija kienet ġarrbet. F'dan ir-rigward, hija sostniet li l-inċident seħħ ġewwa l-għeluq tal-imsemmija lukanda u li l-persunal tal-operatur ta' din l-istess lukanda kien aġixxa b'negliġenza billi la rtira dan il-kanal trasversali u lanqas ma għamel dan sigur.

13 Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, din il-qorti ċaħdet dan ir-rikors għar-raġuni li t-trasportatur tal-ajru kien obbligat biss li jipprovdi akkomodazzjoni, peress li r-Regolament Nru 261/2004 ma jipprevedi ebda responsabbiltà għad-danni li jirriżultaw mill-allegata negliġenza tal-persunal tal-lukanda li fiha akkomodazzjoni hija offruta skont dan ir-regolament.

14 ON appellat minn din is-sentenza quddiem l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija), li, permezz ta' digriet tal-14 ta' Frar 2019, annullat l-imsemmija sentenza. Skont din il-qorti, konformement mad-dritt nazzjonali, applikabbli b'mod parallel mar-Regolament Nru 261/2004 skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament, it-trasportatur tal-ajru huwa responsabbli għall-aġir negliġenti tal-persunal tal-lukanda li jkun inkariga sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jipprovdi l-benefiċċji previsti fl-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004. B'hekk, l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna) irrinvijat il-kawża quddiem il-qorti tal-ewwel istanza bil-għan li jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi preċiżi tal-inċident inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

15 Għaldaqstant, NM ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) sabiex jiġi kkonstatat li NIKI Luftfahrt kienet issodisfat l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 billi pprovdiet mingħajr ħlas l-akkomodazzjoni lil ON, peress li t-trasportatur bl-ajru ma huwiex b'mod partikolari obbligat jivverifika, barra minn hekk, il-faċilitajiet tal-lukanda li huwa jipproponi sabiex jevita r-responsabbiltà tiegħu.

16 Skont il-qorti tar-rinviju, fl-ewwel lok, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu li tingħata akkomodazzjoni jwassal għall-passiġġier dritt għal kumpens, ibbażat direttament fuq ir-Regolament Nru 261/2004, fir-rigward tas-somom li jirriżultaw neċessarji, xierqa u raġonevoli sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqas tat-trasportatur bl-ajru fl-assistenza tal-imsemmi passiġġier (sentenzi tat-13 ta' Ottubru 2011, Sousa Rodríguez *et*, C-83/10, EU:C:2011:652, punt 44, kif ukoll tal-31 ta' Jannar 2013, McDonagh, C-12/11, EU:C:2013:43, punt 51). Issa, ma huwiex eskluż li l-Qorti tal-Ġustizzja tassimila l-eżekuzzjoni ħażina tal-imsemmi obbligu man-nuqqas ta'

eżekuzzjoni tiegħu u taċċetta wkoll, f'dan il-każ, dritt għal kumpens abbażi dirett tar-Regolament Nru 261/2004, anki jekk, skont il-qorti tar-rinviju, fil-każ ta' eżekuzzjoni ħażina ta' dan l-istess obbligu, dan ikun jikkonsisti f'kumpens għad-danni permezz tal-ħlas ta' kumpens li l-ammont tiegħu jkun ogħla mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u li, skont l-istruttura tar-Regolament Nru 261/2004, jista' għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12 tiegħu.

17 Fit-tieni lok, din il-qorti tippreċiża li t-trasportatur bl-ajru jista' wkoll jinżamm responsabbli għall-aġir tal-persunal tal-lukanda li jipprovdi l-akkomodazzjoni abbażi tal-Artikolu 1313a tal-Kodiċi Ċivili Ġenerali, bil-kundizzjoni madankollu li dan il-persunal ikun aġixxa fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' obbligu impost fuq dan it-trasportatur. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li tiġi ddeterminata n-natura tal-obbligu li għandu l-imsemmi trasportatur skont l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004. Jekk dan l-obbligu għandu jinftiehem fis-sens li t-trasportatur bl-ajru huwa obbligat biss li joffri akkomodazzjoni f'lukanda u li jħallas l-ispejjeż, it-trasportatur tal-ajru jkun responsabbli biss għall-għażla tal-lukanda, u mhux għall-aġir tal-persunal ta' din il-lukanda.

18 Min-naħa l-oħra, hija konċepibbli wkoll interpretazzjoni iktar wiesgħa ta' din id-dispożizzjoni li tipprovdi li t-trasportatur tal-ajru jkun responsabbli għall-ħlas tal-akkomodazzjoni bħala tali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, skont id-dritt Awstrijak, it-trasportatur tal-ajru huwa responsabbli għan-negliġenzi tal-persunal tal-lukanda li jipprovdi l-akkomodazzjoni, u għalhekk it-trasportatur tal-ajru għandu jipproduċi l-prova tal-assenza ta' ħtija fil-każ ta' nuqqas oġġettiv tal-persunal f'din il-lukanda.

19 Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, għalkemm, ċertament, il-kliem tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 jeżiġi biss "l-offerta" ta' akkomodazzjoni f'lukanda, l-għan li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri, imfakkar fil-premessa 1 ta' dan ir-regolament, jimmilita favur interpretazzjoni iktar wiesgħa tal-obbligu ta' akkomodazzjoni, b'mod partikolari sa fejn il-passiġġier ikollu għalhekk il-possibbiltà li jressaq proċeduri ġudizzjarji kontra t-trasportatur tal-ajru sabiex jikseb kumpens għad-dannu mġarrab f'għeluq din il-lukanda. F'dan il-każ, dan it-trasportatur ma jiġix impost responsabbiltà sproporzjonata sa fejn huwa jista' jdur kontra l-operatur tal-imsemmija lukanda skont il-kuntratt li jorbothom. Peress li l-obbligu li passiġġier jiġi akkomodat f'lukanda għandu jiġi eżegwit biss fil-każ li t-trasportatur tal-ajru jonqos milli jieħu azzjoni, huwa naturali li jkun it-trasportatur tal-ajru u mhux il-passiġġier li jsostni r-riskju ta' azzjoni ġudizzjarja ppreżentata quddiem qorti ta' Stat Membru li ma huwiex dak tas-sede tagħha.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Trasportatur tal-ajru li, bis-saħħa tal-Artikolu 5(1)(b) tar-[Regolament Nru 261/2004], jipprovdi assistenza fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) ta' dan ir-regolament, għandu jinżamm responsabbli, fuq il-bażi ta' dan ir-regolament, għad-danni li jirriżultaw minn korriment tal-passiġġier minħabba l-aġir negliġenti tal-impjegati tal-lukanda pprovduta mit-trasportatur tal-ajru?

2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-obbligu tat-trasportatur tal-ajru taħt l-Artikolu 9(1)(b) tar-[Regolament Nru 261/2004] huwa limitat għall-provvista ta' lukanda lill-passiġġier u għat-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, jew inkella t-trasportatur tal-ajru huwa responsabbli għall-akkomodazzjoni bħala tali?"

Fuq id-domandi preliminari

21 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-ewwel domanda tirrigwarda, essenzjalment, il-konsegwenzi li r-Regolament Nru 261/2004 jista' jorbot mal-eżekuzzjoni ħażina tal-obbligu ta' assistenza impost fuq it-trasportatur tal-ajru skont l-Artikolu 9(1)(b) ta' dan ir-regolament, filwaqt li t-tieni domanda għandha l-għan li tiddetermina l-kontenut ta' dan l-obbligu, b'tali mod li għandha tiġi eżaminata, fl-ewwel lok, it-tieni domanda.

Fuq it-tieni domanda

22 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu impost, skont din id-dispożizzjoni, fuq it-trasportatur tal-ajru li joffri mingħajr ħlas lill-passiġġieri li huma msemmija fiha akkomodazzjoni f'lukanda jimplika mhux biss li dan it-trasportatur huwa obbligat li jsib, għalihom, kamra ta' lukanda u li jħallas l-ispejjeż tagħha, iżda wkoll li jieħu ħsieb il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni bħala tali.

23 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (sentenza tat-18 ta' Jannar 2017, NEW WAVE CZ, C-427/15, EU:C:2017:18, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dak li jirrigwarda l-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 261/2004, intitolat "Id-dritt li ħsieb tal-passiġġieri jiġi meħud", jipprevedi, fil-paragrafu 1(b) tiegħu, li l-passiġġieri kkonċernati, fosthom dawk imsemmija fl-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, dwar il-kanċellazzjoni ta' titjira, għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas akkomodazzjoni f'lukanda f'każijiet, b'mod partikolari, fejn ikun meħtieġ soġġorn ta' stennija ta' waħda jew iktar iljieli. B'hekk, il-kliem "jiġu offruti mingħajr ħlas […] akkomodazzjoni f'lukanda" jissodisfa r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jevita li l-passiġġieri obbligati, wara l-kanċellazzjoni tat-titjira tagħhom, li jgħaddu billejl f'lukanda sakemm jitilqu minn titjira ġdida, ikollhom ibatu huma stess l-oneru li jfittxu kamra ta' lukanda u li jħallsu l-ispejjeż, peress li dawn il-passiġġieri għandhom jiġu assistiti mit-trasportatur tal-ajru li għandu jieħu l-miżuri neċessarji għal dan il-għan. Min-naħa l-oħra, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma jirriżultax espressament li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jimponi fuq it-trasportaturi tal-ajru, lil hinn minn dan it-teħid ta' responsabbiltà tal-passiġġieri, l-obbligu li jieħdu ħsieb ukoll, direttament jew billi jirrikorru għal lukandi mqabbda minnhom, il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni bħala tali.

25 Il-kuntest li jagħmel parti minnu l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 jikkonferma interpretazzjoni li tipprovdi li t-trasportaturi tal-ajru ma humiex obbligati jorganizzaw huma stess l-implimentazzjoni effettiva tal-akkomodazzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 9(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi li t-trasportaturi tal-ajru huma obbligati, fil-kuntest tad-dritt tal-assistenza tal-passiġġieri kkonċernati, li joffrulhom, b'mod partikolari, il-possibbiltà li jagħmlu mingħajr ħlas żewġ telefonati jew li jibagħtu mingħajr ħlas żewġ messaġġi elettroniċi. Issa, għalkemm minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li t-trasportatur tal-ajru għandu effettivament iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-passiġġieri, mingħajr ħlas, il-mezzi sabiex jitwettqu dawn l-azzjonijiet, minn dan ma jistax jiġi dedott li dan it-trasportatur huwa għalhekk obbligat li jorganizza, taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess, l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' telekomunikazzjoni meħtieġa għal dan il-għan.

26 Din l-interpretazzjoni hija, barra minn hekk, ikkorroborata mill-għan imfittex mir-Regolament Nru 261/2004 li, skont il-premessi 1 u 13 tiegħu, huwa intiż li jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri, u dan b'mod partikolari billi jiżgura lil dawk li t-titjira tagħhom hija kkanċellata assistenza adegwata matul l-istennija ta' titjira sussegwenti. Għal dan il-għan, ir-Regolament Nru 261/2004 jibbenefika lill-imsemmija passiġġieri b'miżuri ta' kumpens standardizzati u immedjati

bħal, jekk ikun il-każ, l-offerta ta' akkomodazzjoni mingħajr ħlas f'lukanda prevista fl-Artikolu 9(1)(b) tal-imsemmi regolament, peress li dawn il-miżuri huma intiżi li jipprovdu għall-bżonnijiet immedjati, fuq il-post, tal-passiġġieri, tkun xi tkun il-kawża tal-kanċellazzjoni tat-titjira inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, EU:C:2006:10, punt 86).

27 Fid-dawl ta' dan l-għan, interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 li jipprovdi li t-trasportatur tal-ajru għandu huwa stess, taħt ir-responsabbiltà tiegħu, jieħu ħsieb il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni tal-passiġġieri kkonċernati ma tistax tiġi aċċettata, peress li t-tranżazzjonijiet neċessarji sabiex isir tajjeb għal tali assistenza jmorru lil hinn mill-kuntest tas-sistema ta' assistenza standardizzata u immedjata, fuq il-post, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi għall-benefiċċju tal-passiġġieri.

28 Għandu jingħad ukoll li l-interpretazzjoni li tipprovdi li t-trasportatur tal-ajru ma huwiex obbligat li jieħu ħsieb huwa stess il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni ma hijiex, qabelxejn, invalidata mill-fatt, ikkunsidrat minn ON bħala inaċċettabbli, li tali interpretazzjoni tista' timplika li l-passiġġier isir is-sieħeb kuntrattwali tal-operatur tal-lukanda li jipprovdi l-imsemmija akkomodazzjoni. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 jillimita ruħu li jistabbilixxi obbligu, għat-trasportatur tal-ajru, li joffri mingħajr ħlas lill-passiġġieri kkonċernati akkomodazzjoni f'lukanda, mingħajr ma jiddefinixxi l-modalitajiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet kuntrattwali li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu.

29 Sussegwentement, kuntrarjament għal dak li ssostni, essenzjalment, ON, din l-interpretazzjoni ma tneħħix mis-sustanza tagħha l-obbligu impost fuq it-trasportatur tal-ajru, fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 261/2004, li jiżgura, billi japplika dan l-artikolu, b'mod partikolari għall-bżonnijiet, b'mod partikolari, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Fil-fatt, anki jekk it-trasportatur tal-ajru ma huwiex obbligat li jieħu ħsieb huwa stess mill-modalitajiet ta' akkomodazzjoni fil-lukanda tal-passiġġieri li t-titjira tagħhom tkun ġiet ikkanċellata, xorta jibqa' l-fatt li dan tal-aħħar għandu joffrilhom assistenza adegwata, kif huwa ppreċiżat fil-premessa 13 tal-imsemmi regolament, li jimplika li t-trasportatur tal-ajru għandu jagħżel il-lukanda bi ħsieb wara li jkun żgura ruħu li din il-lukanda hija adatta sabiex tissodisfa l-aspettattivi raġonevoli ta' kwalità u ta' sigurtà, u, fir-rigward ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa bħala ON, li l-imsemmija lukanda hija stess adatta b'mod li tista' tilqa' f'kundizzjonijiet tajba, billi tavża, jekk ikun il-każ, l-istess lukanda bis-sitwazzjoni ta' mobbiltà mnaqqsa tal-passiġġieri kkonċernati.

30 Fl-aħħar nett, jekk, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tal-passiġġieri, jista' jiġi previst li ssir interpretazzjoni iktar wiesgħa tal-obbligu ta' assistenza impost fuq it-trasportaturi tal-ajru li dawn ikunu obbligati li jieħdu ħsieb huma stess il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni f'lukanda tal-passiġġieri tagħhom, sa fejn dawn tal-aħħar jista' jkollhom il-possibbiltà, skont il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li jirregolaw, fid-dritt nazzjonali, ir-responsabbiltà delittwali, li jressqu quddiem il-qorti t-trasportatur tal-ajru tagħhom f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li r-Regolament 261/2004 implimenta din il-protezzjoni b'mod iktar limitat, billi stabbilixxa sistema ta' assistenza standardizzata u immedjata, kif tfakkar fil-punt 26 ta' din is-sentenza.

31 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu impost, skont din id-dispożizzjoni, fuq it-trasportatur tal-ajru li joffri mingħajr ħlas lill-passiġġieri li huma msemmija fiha akkomodazzjoni f'lukanda ma jimplikax li dan it-trasportatur huwa obbligat li jieħu ħsieb il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni bħala tali.

Fuq l-ewwel domanda

32 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 261/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li trasportatur tal-ajru li, skont l-Artikolu 9(1)(b) ta' dan ir-regolament, offra akkomodazzjoni f'lukanda lil passiġġier li t-titjira tiegħu ġiet ikkanċellata jista' jiġi obbligat, abbażi ta' dan ir-regolament biss, jikkumpensa lil dan il-passiġġier għad-danni kkawżati minn nuqqas imwettaq mill-persunal tal-imsemmija lukanda.

33 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 16 ta' din is-sentenza jirriżulta li n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' provvista ta' akkomodazzjoni jagħti lill-passiġġier dritt għal kumpens, ibbażat direttament fuq ir-Regolament Nru 261/2004, fir-rigward tas-somom li jirriżultaw neċessarji, xierqa u raġonevoli sabiex jiġi kkompletat in-nuqqas tat-trasportatur tal-ajru fit-teħid ta' responsabbiltà tal-imsemmi passiġġier. Skont din il-qorti, minn dan jista' jirriżulta li dritt għal kumpens jintrabat ukoll mal-eżekuzzjoni ħażina ta' dan l-obbligu mit-trasportatur tal-ajru.

34 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-ipoteżi ta' nuqqas imwettaq mit-trasportatur tal-ajru, li fuqha hija bbażata l-ewwel domanda, hija bbażata fuq il-premessa li l-obbligu ta' assistenza impost, skont l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004, fuq dan it-trasportatur, jestendi għall-assistenza tal-modalitajiet ta' akkomodazzjoni tal-passiġġieri kkonċernati, b'mod li nuqqas eventwali mwettaq mil-lukanda awtorizzata mill-imsemmi trasportatur f'dan il-kuntest jista' jwassal għal eżekuzzjoni ħażina tal-imsemmi obbligu min-naħa ta' dan l-istess trasportatur, li żżommha responsabbli.

35 Issa, fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda, din il-premessa għandha titqies li hija żbaljata.

36 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat, kif għamlet il-qorti tar-rinviju, li d-dritt għal kumpens li minnu jgawdu l-passiġġieri fil-każ fejn it-trasportatur tal-ajru naqas milli jwettaq l-obbligu ta' assistenza previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 261/2004 jirrigwarda esklużivament ir-rimbors tas-somom li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ, jirriżultaw neċessarji, xierqa u raġonevoli sabiex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas tat-trasportatur tal-ajru f'dan it-teħid ta' responsabbiltà.

37 Għaldaqstant, id-dritt għar-rimbors tal-imsemmija somom jaqa' kompletament fil-loġika tas-sistema ta' miżuri ta' kumpens standardizzati u immedjati stabbilita mill-imsemmi regolament għall-benefiċċju tal-passiġġieri inkwantu dawn is-somom iservu sabiex jikkumpensaw l-infiq magħmul minn dawn il-passiġġieri sabiex jiksbu l-istess servizzi standard u immedjati bħal dawk li t-trasportatur tal-ajru kellu joffrilhom, mingħajr ma jkun neċessarju għal dan il-għan li ssir evalwazzjoni każ b'każ tas-sitwazzjoni speċifika ta' kull passiġġier.

38 Min-naħa l-oħra, il-kumpens għal danni individwali li jirriżultaw minn nuqqas imwettaq mill-persunal tal-lukanda magħżul mit-trasportatur tal-ajru għall-finijiet tal-akkomodazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 261/2004 jeżiġi neċessarjament evalwazzjoni każ b'każ tal-portata tal-imsemmija danni, u jmur lil hinn mill-kuntest ta' miżuri ta' kumpens standardizzati u immedjati previsti mir-Regolament Nru 261/2004.

39 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li r-Regolament Nru 261/2004 ma jipprevedix il-kumpens għad-danni individwali, li l-kumpens tagħhom jeżiġi neċessarjament evalwazzjoni każ b'każ tal-portata tad-dannu kkawżat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Rusu, C-354/18, EU:C:2019:637, punt 31).

40 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li trasportatur tal-ajru li, skont l-Artikolu 9(1)(b) ta' dan ir-regolament, offra akkomodazzjoni f'lukanda lil passiġġier li t-titjira tiegħu ġiet ikkanċellata ma jistax jiġi obbligat, abbażi ta' dan ir-regolament biss, jikkumpensa lil dan il-passiġġier għad-danni kkawżati minn nuqqas imwettaq mill-persunal tal-imsemmija lukanda.

Fuq l-ispejjeż

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu impost, skont din id-dispożizzjoni, fuq it-trasportatur tal-ajru li joffri mingħajr ħlas lill-passiġġieri li huma msemmija fiha akkomodazzjoni f'lukanda ma jimplikax li dan it-trasportatur huwa obbligat li jieħu ħsieb il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni bħala tali.**

2) **Ir-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li trasportatur tal-ajru li, skont l-Artikolu 9(1)(b) ta' dan ir-regolament, offra akkomodazzjoni f'lukanda lil passiġġier li t-titjira tiegħu ġiet ikkanċellata ma jistax jiġi obbligat, abbażi ta' dan ir-regolament biss, jikkumpensa lil dan il-passiġġier għad-danni kkawżati minn nuqqas imwettaq mill-persunal tal-imsemmija lukanda.**

Firem